Meta dil-ħajja,, li jiena persważ li ma rnexxilix inqiegħed fil-veri kwadri tagħha, ma tibqax inosservata minn dawk li sabu dejjem il-mejda mifruxa bl-aħjar xorb u ikel; li ma raw qatt xufftejn uliedhom koħol bil-ksieħ, u ċ-ċkejkna riġilhom imdemmija bis-seqi, imtertra bil-bard għax ma għandhomx għata; sofor u bla ħajta demm f'wiċċhom għax f'dar missierhom sabu biss il-ħobż — jibdew jiem sbieħ għall-Istat u għall-Ħaddiem.

Gius. Borg Pantallaresco P.L.

---

## LIL JOHN KEATS

L-aktar Poeta li nħobb.

*Żagħżugħ ta' dejjem, jiena biss ingħożżok*
*u nħobbok daqs id-dawl ta' ħbub għajnejja,*
*għax int ukoll f'żgħużitek rajt dell waħxi*
*ta' marda kiefra.*

*Rajtu lil dak id-dell jersaq għal fuqek*
*u jaħtfek taħt difrejn il-qilla tiegħu*
*u jiżra' f'qalbek hemm u niket aħrax*
*li ħadd ma jfejjaq.*

*Hassejtu d-dudu rqiq jgħawwarlek ġewwa*
*u jtemm il-ħajja tiegħek naqra naqra:*
*ridt tibki x'ħin intbaħt għax qalbek kienet*
*qalb ta' poëta.*

*U bkejt, u bkejt meta l-maħbuba tiegħek*
*u l-ħbieb li kont għożżejt rajthom jitbiegħdu*
*minnek u jersqu 'l bogħ'd 'il bogħ'd minn darek*
*biex ma jarawkx.*

*Tibżax, poëta kbir, jien w int inħtarna*
*biex naqtgħu wardiet sbieħ min-niket tagħna*
*u ngħixu għal dejjem għax ulied il-Musi*
*ma jmutu qatt.*

12. III. 1949. John Sciberras.